**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali BIRKIRKARA**

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 63

**10 ta' April 2017**

Il-Kunsilli Lokali BIRKIRKARA ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fi Triq Tumas Fenech Birkirkara, fis-6 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joanne Debono Grech – Sindku
Rita Borg– Viċi Sindku
Kaylocke Buhagiar– Kunsillier
Liam Gauci– Kunsillier
Anthony Buttigieg– Kunsillier
John Mary (Jimmy) Calleja– Kunsillier
Herbert Conti– Kunsillier
John Mizzi– Kunsillier
Marie Claire Zammit – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ħadd

**ASSENTI**
Michael Fenech Adami – Kunsillier
Dr.Josianne Cardona Gatt – Kunsillier
Mark George Abdilla – Kunsillier
John Borg - Kunsillier
Matthew Mangion – *Chairperson* Kumitat Amministrattiv Swatar
Dr.Francesca Zarb - *Chairperson* Kumitat Amministrattiv *Fleur De Lys*

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Neil Spiteri – Segretarju Eżekuttiv

Fil-bidu tal-laqgħa kienu preżenti s-Sindku, is-Sinjura Joanne Debono Grech, il-Vici Sindku s-Sinjura Rita Borg, u l-Kunsilliera, is-Sur Liam Gauci, is-Sur Anthony Buttigieg, is-Sur John Mary (Jimmy) Calleja, is-Sur Herbert Conti, is-Sur Kaylocke Buhagiar, is-Sur John Mizzi u s-Sinjura Marie Claire Zammit.

Għal din il-laqgħa ma kienx hawn il-preżenza tal-pubbliku.

**63.1 Qari ta' l-ittri ta' apoloġiji**

63.1.1 Il-laqgħa tal-Kunsill fetħet fis-sitta ta' filgħaxija. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech fetħet il-laqgħa bit-talba.

63.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għal din il-laqgħa ma rċeviex ittri ta' apoloġiji.

**63.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

63.2.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru 62 ġew imqassma u ttieħdu bħala moqrija. Ma kienx hemm korrezzjonijiet. Fuq proposta tas-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech issekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg, il-minuti ġew approvati bħala dokumenti korretti.

63.2.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li għall-korrettezza peress illi fl-aħħar laqgħa kien hemm mistoqsija dwar il-pagament dovut lill-Perit Lewis, hu qal illi għaddha t-tagħrif kollu mitlub. Is-Sindku kkonfermat u qalet li ma kienx hemm problema u x-xogħol veru sar. Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg ppropona l-approvazzjoni tal-finanzi 62 u l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg issekondat. Il-Kunsill qabel nem. con.

**63.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

63.3.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li rċevejna l-ittra ta' riżenja tal-Kunsillier Dr.Josianne Cardona Gatt. Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi skont kif mitlub mil-liġi huwa avża mall-ewwel lill-Ministru u lill-Kummissjoni Elettorali.

63.3.2 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li kellna riżenja ta' membru ta' l-istaff u ħa nkunu qed niftħu *post* għal *council attendant part time* fi skala 16, wara l-approvazzjoni mid-Dipartiment.

63.3.3 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech infurmat lill-Kunsill b'ittra ta' riżenja ta' persuna mill-istaff, u din trid issa li tiġi *replaced*.

63.3.4 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi rċevejna ittra mingħand impjegata mill-istaff illi talbet biex wara l-*maternity leave* tingħata sentejn *parental leave*. Is-Sindku qalet illi l-*collective agreement* jagħti sena *parental*, u għandna nimxu miegħu. Is-Segretarju se jwieġeb lill-impjegata f'dan is-sens. Is-Sindku qalet ukoll illi impjegata oħra talbet għal *reduced hours*. Hi qalet li ma kellniex noġġezzjonaw madankollu billi issa hemm ħafna impjegati bir-*reduced* dawn għandhom jaħdmu b'rotazzjoni wara nofsinhar ukoll għax ma jistax ikun illi wara nofsinhar ma jkollniex staff.

63.3.5 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet quddiem il-Kunsill proposta għal ftehim mal-kumpanija Gasan. Hija qalet illi wara li Gasan se jkun qed jibni t-torrijiet fl-Imrieħel, hija talbet lil Gasan biex jagħti xi ħaġa lura lil Birkirkara. Il-ftehim jitkellem dwar il-ġnien li hemm f'Misraħ San Alwiġi fejn il-kumpanija se tagħti madwar 50,000euro fl-ewwel sena fi *playing field equipment*, tiswijiet tal-gazebo eċċ, u 10,000euro għal seba' snin f'manteniment. Jiġifieri komplessivament il-ftehim se jkun ta' 120,000euro. Gasan se jkun qed ipoġġi xi reklami tiegħu fil-ġnien. Il-Kunsill qabel ma' dan il-ftehim b'mod unanimu.

63.3.6 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech innotifikat lill-Kunsill illi wara li għamilna ri-aġġudikazzjoni tat-tender tal-ġbir ta' skart skont kif talbet il-Qorti ta' l-Appell, reġa' kellna appell ieħor. Il-każ issa qiegħed f'idejn l-avvukat tal-Kunsill.

63.3.7 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech ressqet ittra elettronika mingħand il-kumpanija *tctc* fejn il-kumpanija talbet lill-kunsill is-somma ta' 1100euro biex nipparteċipaw fi programm ta' *robotics*. Apparti minn dan il-ħlas il-kumpanija talbet ukoll biex l-istaff tal-Kunsill jieħu ħsieb jikteb lin-nies li jiġu. Is-Sindku qalet li aħna bħala Kunsill diġa' għandna dan is-suġġett li jsir taħt programmi tal-*Youth Empowerment* u mhux talli ma nħallsux imma ndaħħlu l-flus tal-kiri tas-sala.

63.3.8 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ittra mingħand id-Direttur tal-Kunsill Lokali (Monitoraġġ), fejn id-direttur talab rikonsiderazzjoni tad-deċiżjoni tal-Kunsill li ma jimxix ma' dak li talbu l-*ombudsman* f'każ fejn xi ħadd talab mingħand il-kunsill danni għal ħsara li sofra fil-karozza tiegħu meta kien qed isuq minn Triq Mannarino. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li ma nistgħux nimxu ma' dak li qed jgħid l-*ombudsman* għax inkella jekk tħallas darba trid tħallas lil kulħadd.

63.3.9 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet li fuq Ġnien Stazzjon, wasalna f'fażi finali mal-*Planning Authority* biex jiġi ffirmat il-ftehim ħalli jibda x-xogħol tant mistenni ta' *refurbishment*. Il-vagun tal-ferrovija telaq għand ir-restoratur u qed niffinalizzaw l-applikazzjoni erdf għall-mużew tal-ferrovija mal-*Malta Railway Foundation*. Se jkun iffirmat ukoll ftehim mal-Malta Railway Foundation għall-immaniġġjar tal-mużew tal-ferrovija f'każ li nirbħu l-fondi Ewropej.

**63.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

63.4.1 Il-Kunsilliera s-Sur John Mizzi qal illi ġibdulu l-attenzjoni illi wara *Falzon Station* hemm ħanut ta' l-ikel Ċiniż illi ħareġ bi *platform* fuq il-*parking*. Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi diġa' kien waslilha dak l-ilment, għajtet lis-Sid, imma dan wera li kellu l-permessi neċessarji kollha tal-*Planning Authority* jiġifieri bħala Kunsill ma nistgħu nagħmlu xejn.

63.4.2 Il-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit qalet illi għandna toroq maħmuġin u li qatt ma jaraw kennies. Hija talbet lis-Segretarju Eżekuttiv jekk hemmx xi skeda ta' meta jsiru t-toroq. Is-Segretarju qal li se jkun qed jibgħat l-iskeda lill-kunsilliera kollha ħalli kulħadd ikun jaf meta l-kennies suppost jgħaddi minn liema triq. Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg irrimarka illi fit-triq tiegħu dejjem jiġi l-kennies kull nhar ta' Tlieta filgħodu imma sa nofsinhar minħabba r-riħ u n-nies li jħammġu, it-triq terġa' timtela. Is-Sindku qalet li l-kenniesa mhumiex perfetti u l-istaff jieħu kampjuni ta' toroq u fejn ix-xogħol ma jkunx sar sew jerġa' jissejjaħ is-*supervisor* fuq il-post.

63.4.3 Il-Kunsilliera s-Sinjura Marie Claire Zammit staqsiet dwar tabella li saret f'Għar il-Ġobon u li qed toħloq inkonvenjent. Is-Sindku qalet li din saret b'approvazzjoni minn Transport Malta u ma kinietx lesta tneħħi tabelli u tidħol responsabbli għal xi inċident.

63.4.4 Il-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg tkellem dwar żvilupp fil-*bye-pass* kantuniera ma' Triq Papaffy fejn hemm periklu minħabba li ma hemmx bankina u n-nies qed jinżlu fil-*bye-pass*. Is-Segretarju qal li diġa' ressaq ilment mal-*Planning Authority* u mal-*Building Regulations,* pero' ma kienx hemm azzjoni. Huwa kellem lill-iżvilupattur li dan wegħdu li se jerġa' jreġġa' kollox lura u jerġa' jiftaħ il-passaġġ li kien hemm.

**63.5 Tenders ġodda**

63.5.1 Is-Sindku s-Sinjura Joanne Debono Grech qalet illi wara li fil-passat konna ħriġna *tender* għal pots u qsari, hemm bżonn illi jinħareġ ieħor daqsxejn differenti li jiffoka fuq għażla akbar ta' *pots* tal-plastik. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet.

**63.6 Rapport ta' Bordijiet ta' Evalwazzjoni**

63.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport ta' evalwazzjoni għal xogħol ta' *patching*. Il-bord iddeċieda li minn erba' konkorrenti, jagħti t-tender lil min tefa' l-irħas offerta jiġifieri Dimbros. Il-Kunsill qabel mal-Bord b'mod unanimu.

63.6.2 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li nfetaħ it-*tender* ta' l-*accountant* li jirrikjedi ħin u attenzjoni għax tefgħuh seba' konkorrenti, bl-*accountant* preżenti jitfa' s-sitt l-ogħla offerta. Għalhekk wieħed irid jagħrbel sew il-konkorrenti qabel ma naslu għal deċiżjoni għax dan hu *tender* importanti ħafna għall-operat tal-Kunsill.

**63.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

63.7.1 L-iskeda tal-*Petty Cash* kienet approvata fuq proposta tas-Sindku ssekondata mill-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg. Ħadd ma sab oġġezzjonijiet.

63.7.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet approvata mingħajr mistoqsijiet fuq proposta tal-Kunsillier is-Sur Anthony Buttigieg issekondata mill-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Borg.

**63.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-6.22pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn 8 ta' Mejju 2017 fis-6.00pm.

Konfermati, illum 8 ta' Mejju 2017.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| Joanne Debono Grech<br>Sindku | Neil Spiteri<br>Segretarju Eżekuttiv |